31994R1785



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1785/94
## tad-19 ta' Lulju 1994
## li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 94 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana [1], kif emendata l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1706/2002 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawk ir-regoli jgħoddu wkoll għal xi nomenklatura oħra li hija bbażata kollha kemm hi jew f'parti fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'disposizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrelataw man-negozju f'oġġetti;

Billi, skond l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament presenti għandhom ikunu klassifikati taħt il-kodiċi NM adattati indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet stipulati fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma huma konformi mal-opinjoni tat-Taqsima dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċi NM adattat indikat fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1994.

*Għall-Kummissjoni*

Christiane SCRIVENER

*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 180, ta' l-14.7.1994, p. 17.

*ANNESS*

| Deskrizzjoni ta' l-oġġetti | Kodiċi ta' Klassifika NM | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 1. *"Rutile"* sintetiku', miksub minn ilmenite permezz ta' inklajar, aċidu idrokloriku, u kalċinazzjoni, u li ikun fih skond il-piż bejn wieħed u ieħor 95 % ta' diossidu tat-titanju, bejn wieħed u ieħor 2 % ta' *diiron trioxide* u bejn wieħed u ieħor 1 % ta' diossidu tas-silikonju. Huwa jiġi presentat fil-forma ta' trab ta' kulur kannella jagħti fl-isfar | 2614 00 10 | Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, bin-Nota 2 għall-Kapitolu 26, u bil-kliem tal-kodiċi NM 2614 u 2614 00 10.<br><br>Il-bidla fl-istruttura kristallina hija biss dovuta għall-proċessi ta' l-inkaljar u l-kalċinazzjoni msemmija fin-Noti Ġenerali ta' Spjegazzjoni għas-Sistema Armonizzata, Kapitolu 26 |
| 2. Aġent ta' emlusjoni, li jikkonsisti f'taħlita ta' esteri *mono-* u diacetyl-tartaric-acid ta' mono- u diglycerides of ta' aċidi mxaħħma (E 472 (e)) | 3823 90 87 | Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, bin-Nota 1 (b) għall-Kapitolu 38 u bil-kliem tal-kodiċi NM 3823, 3823 90 u 3823 90 87 |